# BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 22 ta' Frar 2002**

**Rikors numru 15B/95**

**Numru 35**

**Perit Arkitett Rene Buttigieg, Roberta u Meinrad konjugi Calleja, Rachelle Buttigieg, u Adrian Calleja bhala mandatarju specjali ghan-nom ta' Maronna u Victor konjugi Calleja assenti minn dawn il-gzejjer u b'digriet tas-26 ta' Awissu 1999 l-istess Arkitett Rene Buttigieg bhala mandatarju specjali ghan-nom ta' Maronna u Victor konjugi Calleja assenti minn dawn il-gzejjer**

**vs**

**George u Carmen konjugi Sammut**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru lill-intimat porzjoni raba formanti parti mill-art "ta' Hbula" li

ghandha faccata fuq Triq Annibale Preca, Hal-Lija, tal-kejl il-porzjon mikrija ta' cirka sitt itmiem, u dana bil-qbiela ta' tnax il-lira fis-sena (Lm12) li tithallas bil-quddiem bl-ewwel skadenza fil-15 ta' Awissu 1995.

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn jirriprendu l-pussess tal-istess raba biex jizviluppawh f'bini, billi din l-art hija fl-iskema tal-bini fil-pjan regolatur, u indikata ghall-izvilupp f'terraced houses.

Illi l-esponenti iridu jizviluppaw l-art li giet mqassma fi plots, u iridu l-hrug tal-permess tal-bini relattiv ghall-plot numru 19 (markata fil-pjanta annessa mar-rikors markata Dok A), tal-kejl ta' cirka 56 qasab kwadri.

Ir-rikorrenti talbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-art, fuq indikata tal-kejl ta' cirka 56 qasab kwadri, immarkata bhala plot 19, mill-poter tal-intimati billi jordna lill-intimati jizgumbraw mill-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, prevja l-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq li jista jkun talvolta dovut lill-intimati skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimati (a fol 6 tal-atti) li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi Rachelle Buttigieg u Adrian Calleja ghandhom jipprovaw il-mandat taghhom ta’ Maronna u Victor Calleja.

2. Illi r-rikorrenti ghandhom qabel xejn jipprezentaw kopja tal-premess tal-bini relattiv ghat-talba taghhom.

3. Illi r-raba’ in kwistjoni huma fonti ewlieni ghall-ghixien tal-esponent u l-familja tieghu. L-esponent ghamel diversi benefikati tul il-lokazzjoni li f’kaz li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha ghandu jittiehed kont taghhom ghall-finijiet tal-kumpens.

4. Illi f’kull kaz it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghal dik il-parti fejn mhux ser isir bini, aktar u aktar jekk mhijiex koperta bil-permess tal-bini.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha specjalment d-digriet a fol 26, 27 u 28.

Ikkunsidra

Illi, in sostenn, ir-rikorrenti pproducew is-segwenti provi:-

a) Ir-rikorrenti, l-Perit Rene' Buttigieg (fol 14 et seq ibid) esebixxa l-permess ta' bini numru PA 3730/95/DC01 li inhareg fil-5 ta' Ottubru 1995 rigwardenti "plot 19" fi Triq Gdida li taghti ghal Triq Annibale Preca, Hal Lija, skond kif muri bil-pjanta anessa mal-atti a fol 3 u l-ohra a fol 23. L-istess permess jinsab in atti a fol 16 u markat Rok RB1 (ara ukoll fol 22 u 23 ibid).

b) Kopja awtentika tal-prokura rilaxxata minn Victor u Anna Maria Calleja u dan in konnessjoni mal-ewwel eccezzjoni (ara fol 37 et seq tal-atti).

Ikkunsidra

Illi l-Periti Teknici ta' dan il-Bord issottomettew (fol 34 u 35 tal-atti) li matul l-ahhar tmien snin ma sarx benefikati agrikoli waqt li l-kumpens dovut skond il-ligi jammonta ghal Lm120.

Ikkunsidra

Illi l-<u>intimat</u> xehed kif jidher a fol 42 et seq ibid. Pero jinghad li dak li sottometta fl-istess xhieda hu totalment irrilevanti ghat-talbiet in esami u in rigward il-motivazzjonijiet tal-istess talbiet basati, kif huma fuq l-<u>artikolu 4(2) (b) (5)</u> tal-kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi ghalhekk jidher evidenti li t-talbiet in esami ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u jawtorizza lir-rikorrenti et nomine sabiex jirriprendu mill-poter tal-intimati l-art in kwistjoni tal-kejl ta' cirka 56 qasab kwadri immarkati bhala "plot 19" fuq il-pjanta a fol 3 tal-atti, liema pjanta ghandha tifforma parti integra minn din is-sentenza kif ukoll jordna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-istess "plot 19" sal-15 ta' Awissu 2002 u lir-rikorrenti et nomine sabiex jhallsu lill-intimati s-somma ta' Lm120 dovuta bhala kumpens skond il-ligi; Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur